MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 229/2007

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta’ Mejju 2007 li permezz tiegħu ir-rikorrent espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent iżżewweġ lill-intimata fit-tmienja u għoxrin (28) ta’ Marzu 1976 ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta’ San Ġiljan, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dokument A;

2. Illi sussegwentement il-kontendenti sspeparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni

konsenswali kif jirriżulta mill-anness kuntratt datat 21 ta' Jannar 1992 markat Dokument B;

3. Illi ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi fil-fatt il-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar kwalita' ta' l-intimata li mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

5. Illi l-kunsens tar-rikorrenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlet impossibli lill-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali għaż-żwieġ;

6. Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenuta għal dan iż-żwieġ inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża u l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 1976 huwa null u bla effett legali u dan kif previst fl-artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255;

2. Konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimata, ippreżentata fl-14 ta' Settembru 2007, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Ir-rikors ġuramentat ma jsegwix dak li jippreskrivi l-Kap. 12, *stante* li għandu jkun hemm mill-kawżali, id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-fatti, il-kawżali u t-talbiet. Waqt li huwa ċar dwar il-kawżali allegati ma hemm xejn fuq il-fatti dwarhom.

2. Iż-żwieġ mhux null u qatt ma kien null. Mhux minnu li l-partijiet kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni, ma kien hemm l-ebda qerq da parti ta' l-intimata, illi hija bl-ebda mod ma eskludiet il-ħajja miżżewġa jew l-elementi essenzjali tagħha. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Marzu 1976 a bazi ta' l-Artiklu 19(1) (c) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata qed tikkontesta t-talba u f'kull każ kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta'*

*diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna" –** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mir-rikorrent jirrigwardjaw is-sub-inċiżi segwenti:

19 (1) (c): illi l-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d): illi vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f): illi l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Ir-rikorrent ippreżenta affidavit fejn qal li matul l-għerusija ta' ċirka tlett snin il-partjiiet ma kellhom ebda relazzjoni intima u jgħid li meta kien jipprova jbus lill-intimata din ukoll kienet timbottah. Jgħid li l-intimata u niesha ħadu ħsieb il-preparamenti għat-tieg u huwa ġie eskluż. Jgħid li l-intimata kellha żewġ għarajjes qablu u li meta marru għall-*honeymoon* Sqallija riedet tmur tara wieħed minnhom li kien appuntu Sqalli. Madankollu jidher ċar li l-lanjanza prinċipali tar-rikorrent kienet li l-intimata skond hu ma setax ikollha tfal u jekk wieħed anke jara kif ġiet impostata l-kawża tiegħu jara li huwa pprova jikkonvinċi lill-Qorti li l-intimata kellha problema f'dan is-sens. Infatti ġew imtella' jixhdu ___ *omissis* _________ għan-nom tas-Supretendent ta' l-Isptar illi ikkonfermaw li fl-1980 saret operazzjoni fuq ir-rikorrent biex tiġi miljorata l-i*sperm count* tiegħu, u fl-1988 saret anke operazzjoni fuq l-

intimata biex jitneħħa l-*ovary* u t-*tube* tal-lemin u ġie *refashioned* it-*tube* tan-naha tax-xellug. Jirriżulta mill-kontro-eżami ta' l-intimata li din saret għaliex kien hemm suspett li seta' kellha *cancer* u dan kif ġia' ingħad fl-1988 meta ġia' kellha 39 sena. Fl-1980 pero' kienet għamlet operazzjoni (*retro version*) ta' l-uteru. Din saret meta l-kontendenti bdew jagħmlu l-investigazzjonijiet billi ma kellhomx tfal u kien għalhekk li wara dan ġie ttestjat ir-rikorrent. Skond l-intimata t-tobba qalulha li seta' jkun aktar faċli għaliha li jkollha t-tfal. Irriżulta mit-tieni depożizzjoni ta' Dr. Mifsud illi fil-fatt din l-operazjoni saret fid-19 ta' Ġunju 1980.

Hu x'inhu ladarba r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' a bażi tas-sub-inċiż (c) u mhux fuq dak li jirrigwardja l-impotenza, huwa kellu jipprova l-qerq da parti ta' l-intimata, u ċioe' illi jekk fil-fatt din kellha problema kif imsemmi, hija kienet taf biha u ħbietha minnu. Dan ma jirriżulta minn imkien.  L-intimata ċaħdet tista' tgħid dak kollu li qal ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu u l-Qorti ma rriskontrat ebda indikazzjoni li ma qalitx il-verita'. Ċertament il-lanjanza taħt is-sub-inċiż imsemmi għalhekk ma tirriżultax.

Fir-rigward tas-sub-inċiżi l-oħra ndikati mir-rikorrent, il-Qorti qabel xejn tħoss li għandha tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza riċenti fir-rigward.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar 2006) qalet hekk:

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-*

*obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

Huwa ċar għall-Qorti li lanqas dawn il-kawżali ma jirriżultaw pruvati mir-rikorrent u l-Qorti ma tifhimx l-allegazzjoni imsemmija fin-nota ta sottomissjonijiet tiegħu illi l-intimata kien jinteressaha biss fil-flus li kien jagħtiha meta kienu flimkien. Xejn minn dak li qal ir-rikorrent ma jikkonvinċi l-Qorti li jeżistu xi fatti li jsostnu t-talba tiegħu kif dedotta. Jidher ċar għall-Qorti li bħal ħafna oħrajn, ir-rikorrent qed jipprova jieħu l-annullament fuq kawżali li ma jinkwadrawx fil-ligi tagħna bħala kawżali li jagħtu lok għall-annullament għalkemm għandhom il-funzjoni tagħhom f'kawżi oħra bħal separazzjoni personali jew f'kawżi ta' divorzju f'dawk l-ordinamenti ġuridiċi illi jippermettu tali talba. Il-Qorti dejjem tissimpatizza mal-partijiet li jkunu għaddew mit-trawma u d-diżappunt komprensibbli tal-falliment taż-żwieġ u s-separazzjoni illi ssegwi, iżda hija marbuta li tagħti biss dawk id-deċiżjonijiet illi jippermettulha l-liġijiet tagħna kif spjegati u mfissra fil-ġurisprudenza *ormai* rikka fir-rigward..

**Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata u tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------